MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1742/1999/1

**Godfrey u Caroline, konjugi Debattista**

**Vs**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti bhala danni talli bieghet u kkonsenjat lill-atturi air conditioner gdid li rrisulta lill-atturi li kien u ghadu difettuz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprefiggi zmien sabiex isir dan il-hlas.

Bl-ispejjes u imghax kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni. L-ammont ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000).

Rat id-digriet taghha finali moghti fl-20 ta' Jannar 2000 (fol 4 sa fol 9 tal-istess atti).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Blye Engireering Co. Ltd fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michud bl-ispejjes stante li (a) l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lill-atturi u (b) mhux minnu li l"air-conditioner' lillhom mibjugh kien b'xi mod difettus.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha ulterjuri (fol 13 sa fol 15 ibid) u li bih gie nominat, bhala espert tekniku, l-Inginier Carmelo Cuschieri.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku (fol 25 et seq ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-istess avviz, l-atturi qed jitlobu danni bhala konsegwenza ta' bejgh u konsenja lilhom da parti tas-socjeta konvenuta, ta' 'air conditioner gdid' li, allegatament, ' …. Kien u ghadu difettuz'.

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad li ir-rimedji disponibbli lil kompratur huma s-segwenti:

a) il-garanzija li tohrog mill-ligi in rigward il-pacifiku pussess u kontra difetti mohbija (ara l-artikolu 1409 et seq u 1424 et seq tal-Kodici Civili. Dwar dan ghandu jigi notat li l-venditur hu responsabbli ghal danni , f'kaz ta' difetti mohbija jekk jigi pruvat li hu kien jaf bihom (artikolu 1429

tal-istess Kodici). Altrimenti l-kompratur jista' jitlob jew ir-rexissjoni tal-bejgh bil-konsegwenzi kif prospettati fl-artikolu 1427 ibid jew ir-riduzzjoni fil-prezz.

b) Dak prospettat fl-artikolu 1390 tal-Kodici Civili fejn l-oggett mibjugh ma jkunx skond il-kwalita miftehma jew skond il-kampjun muri f'liema kaz, il-kompratur jista' ma jaccettax l-oggett in kwistjoni u jitlob d-danni jew jaccettah b'riduzzjoni fil-prezz skond stima maghmula minn esperti.

c) Fl-ahhar nett, skond dak stipulat fil-garanzija mahruga mill-venditur favur il-kompratur.

Illi f'dan il-kaz, kif di gja inghad, l-atturi qed jitolbu danni minhabba li l-oggett mibjugh in kwistjoni, kien u ghadu difettuz. Mill- istess avviz ma jidhirx 'b'mod car fuq liema basi l-azzjoni proposta qed tistrieh. Difatti fl-avviz jinghad li l-istess 'unit' kien difettuz waqt li mix-xhieda li inghatat quddiem l-espert tekniku, skond il-verbali, annessi, issir referenza, ukoll, ghal mod kif gie stallat l-istess 'unit". Pero' dan il-punt ma hux premess fl-avviz in esami li, kif di gja premess ,jirreferi ghal bejgh u konsenja ta' oggett difettuz u mhux ghall-istallazzjoni tieghu fil-post. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, din l-azzjoni tirreferi ghal talba ghad-danni minhabba difetti kif prospettata fl-artikolu 1429 tal-Kodici Civili, li jippremetti, pero', li ghandu jigi pruvat li l-venditur kien "in mala fede" u kien jaf bid-difetti, allegati, meta biegh u kkonsenja l-istess oggett. Kif risultanti mill-istess perizja teknika w r-rapport sottomess, l-espert nominat irriskontra zewg difetti ossija fil-'flap' u fid-'drain' li setghu kienu koperti mill-garanzija 'ad hoc' rilaxxata mill-venditur ossija s-socjeta konvenuta. Pero kif jidher mill-atti, din il-garanzija ma gietx esebita u ghalhekk il-Qorti ma tistax tara x'kien kopert b'tali garanzija. Inoltre fl-istess perizija (a fol 30 tal-atti) jinghad li ma giex pruvat li l-atturi sofrew xi danni minhabba dawn id-difetti waqt li jigi precisat, ukoll, li dawn id-difetti bl-ebda mod ma effettwaw il-funzjonalita' tal-'unit" in kwistjoni li instab li "…. kien jahdem jigifieri jkessah sewwa".

Illi, ghalhekk, in vista li l-'unit' kien jiffunzjona tajjeb, li l-atturi ma soffrewx danni minhabba z-zewg difetti

msemmija u li setghu kienu koperti mill-garanzija’ mhux esebita ‘in atti’ izda li a bazi taghha ma jidhirx li saret din il-kawza, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba tal-atturi kif proposta. In rigward l-ispejjes, kull parti, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------